# L-ISTATI MEMBRI TAL-UE



# L-ISTATI MEMBRI TAL-UE



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## L-EWWEL SITTA

Il-pajjiżi li waqqfu l-KEFA – u aktar tard, fl-1957, anke l-KEE u l-Euratom – kienu sitta:

**Franza, il-Ġermanja tal-Punent, l-Italja, il-Belġju, in-Netherlands u l-Lussemburgu.**



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU

1970 1975 1980 1985 1990

1/1
1973

## ISIRU MEMBRI D-DANIMARKA, L-IRLANDA U R-RENJU UNIT

Is-suċċess tal-Komunità Ekonomika Ewropea ħajjar lil pajjiżi Ewropej oħra. Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit issieħbu fl-1973. Fl-istess żmien kien hemm negozjati għaddejjin man-Norveġja wkoll, iżda l-poplu Norveġiż ivvota kontra s-sħubija f'referendum.



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## ISSIR MEMBRU L-GREĊJA

Il-Greċja kienet għadha kif ħelset minn dittatorjat militari. Bis-sħubija tal-Greċja, l-Istati Membri ta' dak iż-żmien riedu juru l-appoġġ tagħhom għall-ordni demokratiku l-ġdid. Kien hemm anke argumenti ekonomiċi fin-nofs: il-Greċja kienet suq ġdid interessanti.



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## ISIRU MEMBRI SPANJA U L-PORTUGALL

L-appoġġ għad-demokrazija u diversi raġunijiet ekonomiċi kellhom rwol importanti anke fis-sħubija ta' Spanja u l-Portugall. Spanja kienet għadha kif ħelset mid-dittatur Franco, u fil-Portugall kien intemm id-dittatorjat ta' Salazar.



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU

9/11 1989

1970 | 1975 | 1980 | 1985 | 1990

## JAQA' L-ĦAJT TA' BERLIN

Fid-9 ta' Novembru 1989, waqa' l-Ħajt ta' Berlin. "Din il-ġrajja hija waħda mit-tapep ewlenin li mmarkat it-tmiem tal-qasma bejn il-Punent u l-Lvant tal-Ewropa".

Id-demokraziji l-ġodda li kienu qed ifeġġu fl-Ewropa tal-Lvant issa kellhom il-possibbiltà jikkooperaw huma wkoll fil-livell Ewropew. Għalhekk, fl-1993 l-Istati Membri ddeterminaw il-kundizzjonijiet li Stat Membru ġdid kellu jissodisfa biex ikun jista' jissieħeb:

- Ikun pajjiż "Ewropew" (ġeografikament u storikament)
- Jirrispetta l-istat tad-dritt
- Ikollu ekonomija tas-suq li taħdem tajjeb
- Ikun demokrazija stabbli
- Jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem
- Jimplimenta r-regoli u r-regolamenti eżistenti kollha tal-UE, l-hekk imsejjaħ "acquis communautaire"



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## IL-ĠERMANJA TERĠA' SSIR WAĦDA

Il-Ġermanja riedet terġa' tingħaqas bħala pajjiż wieħed. L-Istati Membri l-oħra qablu, dment li l-Ġermanja tikkoopera bis-sħiħ fil-livell Ewropew, kemm ekonomikament u kemm politikament.



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## ISIRU MEMBRI L-IŻVEZJA, IL-FINLANDJA U L-AWSTRIJA

Bis-sħubija tal-Iżvezja, il-Finlandja u l-Awstrija, l-UE issa kellha 15-il Stat Membru. In-Norveġja għamlet tentattiv ieħor biex tissieħeb, iżda l-poplu Norveġiż reġa' vvota kontra f'referendum.



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## ISIRU MEMBRI ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-ESTONJA, L-UNGERIJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, MALTA, IL-POLONJA, IS-SLOVAKKJA U S-SLOVENJA

Fl-1 ta' Mejju 2004, issieħbu fl-UE għaxar Stati Membri ġodda. L-għadd totali ta' Stati Membri tela' għal 25.



Ċerimonja ta' tkabbir uffiċjali fl-1 ta' Mejju 2004 © European Communities, 2004



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## ISIRU MEMBRI R-RUMANIJA U L-BULGARIJA

Il-Bulgarija u r-Rumanija ssieħbu fl-2007. Bis-sħubija tagħhom, l-għadd ta' Stati Membri tela' għal 27.




Il-bini Berlaymont bi strixxun li jaqra "Merħba lill-Bulgarija Rumanija fl-Unjoni Ewropea" © European Communities, 2007



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## ISSIR MEMBRU L-KROAZJA

Il-Kroazja ssieħbet bħala t-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.



Il-bandiera Ewropea qed tittella' f'Żagreb, fl-1 ta' Lulju 2013. © European Union 2013.



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU




## IR-RENJU UNIT JOĦROĠ MILL-UE

Ir-Renju Unit uffiċjalment ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020, wara tliet snin ta' negozjati. Kien l-ewwel pajjiż li rtira mill-UE. Minn dak iż-żmien ʻl hawn, hemm 27 Stat Membru.



Votazzjoni dwar Brexit fil-Parlament Ewropew fis-27 ta' Jannar 2020. © European Union 2020 EP.



# MINN 6 GĦAL 27 STAT MEMBRU

2010 | 2015 | 2020 | Il-futur?



## STATI MEMBRI KANDIDATI U STATI MEMBRI POTENZJALI

Uffiċjalment, bħalissa hemm ħames Stati Membri kandidati biex jissieħbu fl-UE. Dawn il-pajjiżi huma **l-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija.**
Membru kandidat huwa pajjiż li jkun applika biex jissieħeb. Il-kandidati huma appoġġati finanzjarjament, b'mod amministrattiv u tekniku matul it-tħejjijiet tagħhom għal sħubija fil-ġejjieni.

Minbarra l-Istati Membri kandidati, hemm ukoll diversi **Stati Membri potenzjali**: Dawn il-pajjiżi avżaw uffiċjalment lill-UE li jixtiequ jsiru membri, iżda n-negozjati għadhom ma bdewx. Dawn huma:

- il-Bożnija-Ħerzegovina
- il-Kosovo*

* Dan l-isem ma jaffettwa l-ebda pożizzjoni dwar l-istatus tal-Kosovo, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni 1244/1999 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-parir tal-Qorti Internazzjonali dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

# L-ISTATI MEMBRI TAL-UE

Din il-preżentazzjoni tagħmel parti mill-għodda edukattiva EUROPE@SCHOOL – lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea.
© European Parliament 2020